KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis 13 ta' Awissu, 2020 fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**16.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

16.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**16.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

16.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 15 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**16.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li t-talba biex ma jagħdux vetturi kbar fi' triq Santa marija ġiet approvata. Huwa qal li sa jiġu ordnati tabelli u jitwaħħlu.

16.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li dwar il-kwistjoni ta' slow streets għadna qed nistennew iktar mil-AKL.

16.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li kif diġa kien hemm qbil, l-Attivita tal-Versatile u Pjazza Mużika ġew imħassra. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux attivitajiet.

16.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li l-kameras tas-sigurta fiz-zona ta' Triq Ħal Qormi lesti, huwa qal li qed jiġi instalat l-internet u is-sistema tibda taħdem.

16.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li hemm jemmen li rigward Jum Il-Ħamrun għanda titieħed deċiżjoni iktar tard. **Il-Kunsillier Vince Bonello** rimarka li minħabba is-sitwazzjoni jaqbel ma' li qal is-Sindku. **Il-Kunsillier Carmen Borg** qalet li ma tixtieq li din tiġi posposta.

16.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li bix-xogħol dejjem jiżdied, tinħass il-ħtieġa li l-kunsill jixtri vettura oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li l-iskips ta' r-Rabbat jitpoġġew fejn il-Ġnien, Vittmi Ħamruniżi kif ukoll jitwaħlu kameras biex jinqata l-abużż. **Il-Kunsillier Vince Bonello** rimarka li huwa xettiku minħabba l-anzjani taż-żona. Huwa isuġerixxa li jsir survey ma' n-nies ta' z-zona. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill li qed issir ħidma fuq it-tender tal-knis għal-lokal. Huwa issuġerixxa li jkun hemm 5 kennissa kuljum. It-tindif ikun jinkludi iż-żoni l-miftuħa kif ukoll il-bins kollha tal-lokal. Huwa qal li dan jinkludi li Triq il-Kbira issir il-Ħadd ukoll, kif ukoll 10 metri kul naħa lil hinn mit-triq. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issuġerixxa biex issir ukoll triq il-Kappillan Mifsud bl-istess sistema. Il-Kunsill qabel unanimament

16.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li sar manutenzjoni taż-żona fejn il-binja tal-kunsill grazzi għal-ħaddiema tar-reġjun u għas-sinjur Charlie Tonna.

16.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li reġa sar kuntatti ma' l-awtoritajiet minħabba l-infurzar. Il-kunsill qabel unanimament li l-affarijiet qed imorru għal-aħjar iżda fl-istess waqt huwa importanti li dan l-infurzar jibqa jsir.

16.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** isuġerixxa li triq Lord Byron issir One Way. Il-Kunsill qabel unanimament li terġa issir l-applikazzjoni meħtieġa biex it-triq issir one way.

**16.04 Ħaddiema Kunsilli**

16.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħaddiema part-time bl-iskema ta' l-persuni b'diżabbilta, irrifjutat li tibda taħdem magħna u għaldaqstant ħa ssir ħidma biex tiġi ingaġġjata persuna oħra.

16.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li applikaw żewġ persuni għal-Vakanzi ta' Assistant Principal. Persuna sa tkun qed tagħmel ix-xogħol amminstrattiv u accounts, filwaqt li l-persuna l-oħra sa tkun qed tieħu ħsieb li isegwi l-ilmenti. Filwaqt li rimarka li l-impjegata il-ġdida sejjra ferm tajjeb.

**16.05 Festival ta' ċ-Ċikkulata**

16.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li deċiżjoni dwar din l-attivita tittieħed fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament

**16.06 Kumpanija tal-Ħalib**

16.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li wara il-laqgħa ma' r-residenti instab li kien hemm diversi ilmenti dwar rjiħat kif ukoll storbju f'ċertu ħinijiet. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** qal li idealment nintaqaw ma' l-amministrazzjoni tal-kumpanija. Il-Kunsill qabel unaniment li issir laqgħa magħhom.

**16.07 Skeda ta' Hlasijiet**

16.07.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Awissu, 2020.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekonda l-mozzjoni.

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**16.08 Approvazzjoni Awditjar Rapport Finanzjarju 2019**

16.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda Rapport Finanzjarju 2019 Awditjat

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn ir-rapporti.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekondat l-mozzjoni.

Rapport Finanzjarju 2019 Awditjat ġie approvati b'mod unanimu

**16.09 Rapport Finanzjarju Q1 2020**

16.09.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda Rapport Finanzjarju Q1 2020

**Il-Kunsilliera Jurgen Grixti** ipproponiet l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekonda l-mozzjoni.

Rapport Finanzjarju Q1 2020 ġiet approvat b'mod unanimu

**16.10 Ħwejjeġ Oħra**

16.10.01 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li qed ikun hemm ammont ta' ħmieg fi' trqi Żimelli u isuġerixxa li jsir doggy bin. Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa nistenew.

16.10.02 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li hemm xi ħmieġ fi' triq San Gejtanu. Il-Kunsillier Carmen Borg irrimarkat li l-kuntratur li qed jaħdem hemm nadaf riċentament.

16.10.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li in-nies ta' triq San Gejtanu qed jiġbru petizzjoni biex titneħa l-islowing Ramp fl-istess triq.

16.10.03 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li għanda xi flixken vojta għal-Crafts u talbet li dawn jinġabru.

16.10.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** saqsa fix waslet it-talba għat-tieni ġabra ta' l-iskart riciklabli. Huwa ġie infurmat li fil-mument ma' hemm l-ebda żvillupi ġodda.

16.10.05 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irrimarka li is-sistema il-ġdida dwar il-ġbir ta' ħġieġ hija problematika. Huwa irrimarka li fis-sitwazzjoni preżenti żgur mhux ideali.

16.10.06 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** staqsa dwar il-problema ta' serq mil-Car Park, huwa ġie informat li l-puluzija qed jaħdmu biex jaqbdu is-suspetat.

**16.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

16.11.01 Il-laqgħa intemmet fid-9:00p.m, u ġiet aġġornata għal-Ħamis 10 ta' Settembru fis-6:00pm

Konfermati, illum, 10.09.20

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv